# Il-Moviment Qawmien Letterarju – Tletin Sena Wara

ACHILLE MIZZI

F'din il-ħarġa ta' "Il-Malti" qegħdin nikkommemoraw it-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Moviment Qawmien Letterarju.

Għal dan l-għan qegħdin f'dan l-għadd nippubblikaw xi xogħlijiet ta' awturi li kienu kkontribwew f'dan il-moviment u li għadhom jiktbu sal-ġurnata tal-lum.

Bħalma wieħed jista' jara, din hija biss għażla rappreżentattiva kemm għax dawk l-imsieħba li kienu jiktbu huma ħafna, kif ukoll għaliex xi wħud intefgħu b'ruħhom u ġisimhom għal ħidma f'oqsma oħra tal-ħajja u ma ssuktawx jiktbu.

Hu x'inhu, jibqa' l-fatt li l-Moviment li nibet mal-qawmien ta' Malta ġdida – Malta Indipendenti ħalla impatt enormi fuq il-mixja tal-letteratura Maltija fl-aħħar snin tas-seklu għoxrin. Jekk wieħed mill-għanijiet li kellu l-Moviment, jiġifieri l-qawmien ta' l-Ilsien Malti llum tbiel xi ftit mal-mixja taż-żmien, mhux hekk jista' jingħad għall-prodott letterarju li baqa' ħaj u huwa xhieda awtentika tat-tiġrib u t-tqanqil spiritwali tal-poplu Malti.

Bla ma ngħajbu x-xogħol ta' dawk li kitbu qabilna, nistgħu ngħidu li dak li nkiteb mis-sittinijiet 'l hawn huwa l-qofol tal-letteratura Maltija fl-qasam tagħha u dan mhux biss f'dak li huwa volum iżda, u wisq aktar, f'dik li hija kwalità.

Kontra dak li jaħsbu xi wħud, din ma kinitx kampanja kontra t-tradizzjonalisti, iżda mewġa ta' entużjażmu, qawmien sħiħ b'ideali ġodda li minnhom ittieħdu saħansitra bosta mill-kittieba stabbiliti bħal Karmenu Vassallo, Giovanni Curmi, Pawlu Mifsud, Anton Buttigieg, Wallace Gulia, Valentin Barbara, Kilin, Bertu Cassola u oħrajn.

Il-Moviment ma kienx la akkademja u lanqas għaqda fil-veru sens tal-kelma, u għalhekk dan l-isforz ma setax ikun sostnut għal tul ta' żmien. Kien bħal berqa fid-dlam li, madankollu, ħarrket u ħakmet lil bosta u li ħalliet effett fit-tul mhux biss fil-letteratura iżda wkoll f'oqsma oħra ta' l-arti bħal dik viżiva u dik mużikali. Anzi jiena naħseb li dan il-Moviment kien l-ewwel u l-aqwa stimulu li laqqa' artisti ma' xulxin minn diversi oqsma u ħajjarhom jaħdmu flimkien.

Dwar dan il-Moviment diġà ntqal u nkiteb bil-bosta, iżda valutazzjoni sħiħa għad trid issir mhux tant billi jingħadu l-fatti li seħħew darba iżda billi jiġi mistħarreġ u magħruf il-prodott sħiħ ta' dawk li darba kienu protagonisti u li għadhom ħajjin u mimlijin bil-għomor iżidu u jkattru b'xogħolhom il-letteratura Maltija.